MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 233/2012

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Marietta Abela Wilson (K.I. 329579M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu gie premess illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta’ attrici, s-somma ta’ seba’ mija tmienja u erbghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€748.94) in konnessjoni ma’ Bundle Service Agreement Home Pack 42 (AC40142034), u li jinkludi telefown 21820868; servizz ta’ televizjoni 1425092459 u 1425092460, u servizz ta’ ADSL, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 3 ta’ Dicembru 2009; illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni; bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-5 ta' Frar, 2013 mill-Avukat Ingrid Zammit Young w l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' seba' mija tmienja u erbghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€748.94) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------